**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-"Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 596/2014 u (UE) 2017/1129 fejn tidħol il-promozzjoni tal-użu ta' swieq tat-tkabbir tal-SMEs"**

*(COM(2018) 331 final — 2018/0165 (COD))*

(2018/C 440/12)

Relatur: **Mihai IVAŞCU**

| | |
|---|---|
| Konsultazzjoni | Parlament Ewropew, 11.6.2018 |
| | Kunsill, 21.6.2018 |
| Bażi legali | Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea |
| Sezzjoni kompetenti | Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum |
| Adottata fis-sezzjoni | 4.9.2018 |
| Adottata fil-plenarja | 19.9.2018 |
| Sessjoni plenarja Nru | 537 |
| Riżultat tal-votazzjoni | 196/1/1 |
| (favur/kontra/astensjonijiet) | |

## 1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Il-KESE jappoġġja l-proposta tal-Kummissjoni li s-swieq kapitali jsiru alternattiva kredibbli għall-finanzjament u jemmen li għandu jintlaħaq bilanċ bejn it-tliet objettivi ewlenin tal-proposta: jitkabbru s-swieq tal-SMEs, jittaffew il-piżijiet u jiżdied il-livell tal-likwidità. Il-Kummissjoni Ewropea (KE) m'għandhiex tirregolamenta żżejjed, iżda żżomm livell ta' ostakli li jiskoraġġixxi lill-kumpaniji li ma jkunux ippreparati.

1.2. Il-KESE jesprimi t-twemmin tiegħu li l-proposta attwali, għalkemm hija pass fid-direzzjoni t-tajba, mhijiex biżżejjed biex tindirizza l-ostakli eżistenti fis-Swieq tat-Tkabbir tal-SMEs. Filwaqt li fil-fatt hemm ħtieġa għal approċċ olistiku, kull pass individwali għandu jġorr il-piż tiegħu stess.

1.3. Meta mqabbla mal-kumpaniji fl-Istati Uniti, għadd ħafna akbar ta' kumpaniji fl-UE għadhom ifittxu l-krediti bankarji bħala għażla ta' finanzjament, xi drabi anki billi jaċċettaw spejjeż addizzjonali sinifikanti. Hemm il-ħtieġa għal aktar edukazzjoni finanzjarja, peress li s-swieq pubbliċi tal-UE kellhom diffikultà biex jattiraw emittenti ġodda u l-għadd ta' IPOs ma żdiedx b'mod sinifikanti.

1.4. Il-KESE jżomm mal-opinjonijiet preċedenti tiegħu li l-livell baxx ta' komunikazzjoni ([1]) u approċċi burokratiċi ([2]) huma ostakli sinifikanti u għandu jsir sforz ħafna akbar biex dawn l-ostakli jingħelbu. Il-komunikazzjoni minn Brussell għandha dejjem timmira lejn il-parti t'isfel tal-katina – l-SMEs infushom –, billi tinvolvi l-assoċjazzjonijiet tal-SMEs, is-sħab soċjali, il-kmamar tal-kummerċ, u l-bqija.

1.5. Il-proposta biex jinżammu biss l-elenki permanenti ta' persuni b'informazzjoni privileġġjata għall-SMEs u l-estensjoni ta' jumejn proposta għall-iskadenza tal-iżvelar ta' tranżazzjonijiet tal-amministraturi huma milqugħa tajjeb ħafna. Fir-rigward ta' dawn, il-KESE jista' jissuġġerixxi biss li l-KE tkompli tesplora metodi biex jitneħħa l-piż minn fuq l-SMEs u jitqiegħed fuq partijiet ikkonċernati oħrajn bħal, pereżempju, l-Awtoritajiet Nazzjonali Kompetenti (NCAs).

([1]) ĠU C 345, 13.10.2017, p. 15.
([2]) ĠU C 345, 13.10.2017, p. 15.

1.6. Il-prospett imtaffi fil-fatt huwa tnaqqis sinifikanti fil-piż, iżda l-KESE jikkunsidra li għandhom jiġu eżaminati aktar possibbiltajiet kif il-prospett ta' trasferiment jiġi semplifikat b'mod gradwali għal dawk il-kumpaniji li jkunu wrew il-maturità tagħhom billi jkunu ġew elenkati fis-Swieq tat-Tkabbir tal-SMEs għal għadd sinifikanti ta' snin.

1.7. Il-KESE huwa favur il-bidliet proposti għar-reġim tat-titjib tas-suq u jwissi kontra talbiet ta' spjegazzjoni dettaljati u/jew preskrittivi żżejjed mill-NCAs.

1.8. Il-KESE jagħti l-parir li l-KE tikkunsidra l-possibbiltà li tattira investituri istituzzjonali, bħal fondi providenti privati, biex jinvestu fuq dawn is-Swieq tat-Tkabbir tal-SMEs, billi tipprovdi inċentivi, speċjalment fir-rigward tat-trattament tat-taxxa. L-Istati Membri għandhom jesploraw il-possibbiltajiet għal aktar skemi attraenti ta' appoġġ għall-investiment fil-livell nazzjonali.

1.9. Il-kuntratti ta' likwidità jintlaqgħu bl-aħjar mod, speċjalment għas-swieq sottożviluppati. Il-KESE jemmen li d-29 reġim dwar il-kuntratti ta' likwidità mhejji mill-Kummissjoni Ewropea se joħloq għażla addizzjonali għall-emittenti, flimkien mal-leġislazzjoni nazzjonali.

1.10. Il-KESE jixtieq jiġbed l-attenzjoni li hija meħtieġa valutazzjoni tal-impatt bir-reqqa u regolari. Dawn il-valutazzjonijiet, li jsiru kull sena, jistgħu jipprovdu informazzjoni siewja għal bidliet futuri għall-qafas regolatorju.

## 2. **Il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea**

2.1. Din il-proposta għal Regolament tagħmel parti mill-aġenda tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali u tiffoka fuq bidliet speċifiċi għall-funzjonament tas-Swieq tat-Tkabbir tal-SMEs, li bdew jiġu rregolati minn Jannar 2018. L-UE għamlet progress konsiderevoli biex iżżid is-sorsi ta' finanzjament hekk kif id-ditti jespandu b'mod gradwali, u biex tagħmel il-finanzjament abbażi tas-suq disponibbli b'mod aktar mifrux madwar l-UE. Diġà hemm fis-seħħ regoli ġodda sabiex tingħata spinta lill-investiment tal-fondi ta' kapital ta' riskju tal-UE (EuVECA) f'negozji ġodda u kumpaniji ta' daqs medju. Flimkien mal-Fond Ewropew tal-Investiment, il-Kummissjoni nediet ukoll programm pan-Ewropew għal Fondi ta' Fondi tal-Kapital ta' Riskju (VentureEU).

2.2. L-għan ewlieni tal-proposta huwa li tagħmilha aktar faċli biex l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju jiġu elenkati u jużaw is-swieq kapitali sabiex jiffinanzjaw it-tkabbir tagħhom. Il-proposta tinkludi l-irfinar tal-qafas inizjali li jirrappreżenta pass 'il quddiem lejn regolamentazzjoni aħjar u aktar effettiva.

2.3. Il-proposta se tapplika għall-kumpaniji kollha li huma elenkati fis-Swieq tat-Tkabbir tal-SMEs, irrispettivament minn jekk ikunux SMEs jew le. L-ewwel nett, dan jiżgura li l-kumpaniji li qed jikbru malajr ma jiġux penalizzati għall-prestazzjoni ekonomika pożittiva tagħhom; u t-tieni nett, li dawn is-swieq se jkunu jistgħu jattiraw kumpaniji kbar ukoll. Bl-introduzzjoni ta' dawn ir-regoli l-ġodda, il-Kummissjoni tistenna li se jirreġistraw aktar Faċilitajiet Multilaterali tan-Negozjar (MTFs) bħala Swieq tat-Tkabbir tal-SMEs (sa issa, huma biss 3 minn 40 li għamlu dan).

2.4. Il-proposta tinkludi tnaqqis li:

— inaqqas il-piż għall-SMEs fir-rigward tal-obbligi tar-reġistrazzjoni u tad-divulgazzjoni filwaqt li jippreserva l-integrità tas-suq u fluss komprensiv ta' informazzjoni lill-investituri;

— joħloq regoli komuni għal kuntratti ta' likwidità fis-Swieq tat-Tkabbir tal-SMEs, li jippermettu żieda fil-likwidità tal-ishma;

— jippermetti lill-utenti jipproduċu prospett imtaffi meta jkunu qed jippruvaw jimxu lejn suq irregolat (kategorija ġdida ta' prospett ta' trasferiment se tippermetti lill-utenti li jkun ilhom elenkati għal mill-anqas tliet snin jiċċaqilqu aktar faċilment sabiex jaċċessaw il-boroż ewlenin, biex b'hekk jimmiraw lejn likwidità aħjar u lejn għadd akbar ta' investituri).

3. **Kummenti ġenerali**

3.1. L-SMEs jirrappreżentaw 99,8 % tal-intrapriżi kollha mhux finanzjarji fl-UE, fejn jiġġeneraw madwar 58 % tal-valur miżjud totali u jimpjegaw aktar minn 90 miljun persuna. Madankollu, kull sena jfallu madwar 200 000 SME, li jaffettwaw aktar minn 1,7 miljun ħaddiem ([3]).

3.2. Skont l-Istħarriġ dwar l-Investiment tal-BEI tal-2016/2017, l-SMEs normalment jiddependu fuq fondi interni għall-investiment (aktar minn 60 %) ([4]). Il-bqija huma magħmula l-aktar minn strumenti bankarji. Il-finanzjament ibbażat fuq is-suq mhux qed jilħaq il-potenzjal tiegħu. Il-KESE jemmen li huwa kruċjali li dan jiżdied għal kumpaniji innovattivi, jew għal dawk bi profil tar-riskju/redditu għoli.

*Tabella 1*

**Sors ta' investiment finanzjarju fl-aħħar sena finanzjarja, UE28** ([5])

(%)

| | Mikro | Żgħar | Medji | Kbar |
|---|---|---|---|---|
| Fondi interni jew qligħ imfaddal | 71 | 64 | 59 | 57 |
| Finanzjament estern | 28 | 35 | 38 | 38 |
| Krediti bankarji | 60 | 60 | 57 | 54 |
| Finanzjament bankarju ieħor | 11 | 8 | 10 | 11 |
| Lokazzjoni | 18 | 23 | 24 | 23 |
| Fatturament | 2 | 3 | 3 | 4 |
| Self mingħand familja/ħbieb | 4 | 2 | 1 | 1 |
| Għotjiet | 4 | 3 | 4 | 3 |
| Bonds | 0 | 0 | 1 | 4 |
| Ekwità | 0 | 0 | 0 | 1 |
| Oħrajn | 1 | 1 | 1 | 1 |
| Finanzjament intragrupp | 0 | 1 | 3 | 5 |

*Nota*: Il-kumpaniji kollha li investew fl-aħħar sena finanzjarja (minbarra risposti ma nafx/rifjutati).

3.3. Il-KESE jixtieq jinnota r-riluttanza tal-SMEs biex ifittxu finanzjament minn swieq kapitali u r-rieda tagħhom li jġarrbu spejjeż miżjuda ta' finanzjament permezz tal-kreditu bankarju. Din il-karatteristika kulturali hija waħda mill-fatturi differenzjali prinċipali mis-swieq kapitali l-aktar ta' suċċess tal-Istati Uniti u d-dipendenza aktar baxxa tal-kumpaniji Amerikani fuq krediti bankarji. Edukazzjoni finanzjarja ulterjuri hija ta' importanza kbira.

([3]) Marcin Szczepanski, "Helping European SMEs to grow: Start-up and scale-up initiatives for business ventures in the EU" (Ngħinu lill-SMEs jikbru: Inizjattivi għan-negozji l-ġodda u li qed jespandu għall-proġetti kummerċjali fl-UE) (Mhux disponibbli bil-Malti).

([4]) "EIBIS 2016/2017: Surveying Corporate Investment Activities, Needs and Financing in the EU" (EIBIS 2016/2017: Stħarriġ dwar l-Attivitajiet, il-Ħtiġijiet u l-Finanzjament ta' Investimenti Korporattivi fl-UE), Bank Ewropew tal-Investiment, 2017 (Mhux disponibbli bil-Malti)

([5]) Apostolos Thomadakis, "Developing EU Capital Markets for SMEs: Mission impossible?" (L-Iżvilupp tas-Swieq Kapitali tal-UE għall-SMEs: Missjoni impossibbli?), *Kummentarju tal-ECMI* Nru. 46, 4 ta' Settembru 2017. (Mhux disponibbli bil-Malti)

3.4. F'opinjonijiet oħra, il-KESE diġà esprima t-twemmin tiegħu li "approċċ burokratiku u l-kumplessità tar-regoli amministrattivi għadhom prevalenti fil-politiki tal-SMEs tal-UE u l-mekkaniżmi ta' appoġġ attwali, minkejja l-isforzi kontinwi fil-livell tal-UE biex jiġi minimizzat il-piż amministrattiv" ([6]).

3.5. Il-KESE diġà esprima l-appoġġ tiegħu għal proposti oħra li għandhom l-għan li jnaqqsu l-piż amministrattiv tat-tfassil ta' prospetti għall-emittenti kollha, b'mod partikolari għall-SMEs, emittenti frekwenti ta' titoli u ħruġ sekondarju ([7]). Barra minn dan, il-KESE spjega li "Filwaqt li s-self mill-bank huwa realtà, jinħtieġ ukoll aċċess għall-ekwità bħala għodda finanzjarja iżda dan mhuwiex żviluppat biżżejjed fl-Ewropa minħabba reġimi tat-taxxa punittivi, nuqqas ta' kultura ta' ekwità, litteriżmu finanzjarju dgħajjef u skemi ta' insolvenza frammentati" ([8]).

3.6. Il-KESE huwa favur l-inizjattiva tal-Kummissjoni Ewropea li jitnaqqas il-piż amministrattiv minn fuq l-SMEs, li jippermettilhom ikollhom aċċess aktar faċli għas-swieq kapitali u jiddiversifikaw is-sorsi ta' finanzjament tagħhom. Il-KESE jappoġġja wkoll l-objettiv iddikjarat ta' din il-proposta li tiżdied il-likwidità tal-ishma maħruġa mill-emittenti tas-Swieq tat-Tkabbir tal-SMEs.

3.7. Għalkemm il-vantaġġi li l-SMEs ikunu elenkati fis-swieq iddedikati huma ovvji, u għalkemm dan itejjeb u jiddiversifika l-opportunitajiet ta' finanzjament tagħhom, is-swieq pubbliċi tal-UE fil-verità kellhom diffikultà biex jattiraw emittenti ġodda, u l-għadd ta' offerti pubbliċi inizjali mhux qed jiżdied b'mod sinifikanti. Huma biss 3 000 minn aktar minn 20 miljun SME eżistenti li huma elenkati u hemm biss nofs l-ammont ta' IPOs meta kkumparat ma' dak ta' qabel il-kriżi finanzjarja. Likwidità insuffiċjenti f'dawn is-swieq issarraf fi spejjeż ogħla għall-emittenti biex iżidu l-kapital u d-detenturi tal-kapital joqogħdu lura milli jinvestu, u dan ifisser li l-intermedjarji tas-suq huma inqas inklinati li jappoġġjaw il-kumpaniji elenkati żgħar.

3.8. Il-finanzjament mill-bejgħ ta' ishma huwa fundamentali għall-kumpaniji innovattivi li joħolqu valur u tkabbir, u speċjalment għall-kumpaniji li għandhom profil tar-riskju/redditu għoli. Il-finanzjament ta' ekwitajiet inizjali u dawk fi stadju bikri jista' jagħti spinta lill-ħolqien u lill-iżvilupp ta' ditti, filwaqt li strumenti oħrajn ta' ekwità, bħal pjattaformi speċjalizzati għall-elenkar pubbliku tal-SMEs, jistgħu jipprovdu riżorsi finanzjarji għal SMEs orjentati lejn it-tkabbir u għal dawk innovattivi. Barra minn hekk, il-finanzjament mill-bejgħ ta' ishma jista' jkun aktar xieraq mill-finanzjament b'dejn għall-SMEs li jkunu nieqsa minn kollateral, li jkollhom flussi ta' flus negattivi jew irregolari, jew jeħtieġu maturitajiet itwal biex l-investimenti tagħhom jagħtu l-frott ([9]).

3.9. Is-swieq tal-UE għadhom frammentati u ma jidhirx li jistgħu jappoġġjaw għadd kbir ta' IPOs. Jidher li l-Ewropa għandha pożizzjoni b'saħħitha biex tkabbar ditti innovattivi b'teknoloġija avvanzata, iżda meta dawn il-kumpaniji jkunu jeħtieġu investimenti kapitali robusti, normalment ifallu. Il-kumpaniji li qed jikbru malajr, sikwit ukoll joħorġu mis-suq tal-UE favur l-Istati Uniti, fejn ifittxu skemi ta' opzjoni ta' stokks aktar aċċessibbli.

3.10. Il-kumpaniji elenkati huma anqas dipendenti fuq il-finanzjament bankarju, jistgħu jaċċessaw bażi ta' investiment akbar, u jkollhom profil pubbliku ogħla. Minkejja dan, irid isir aktar xogħol biex jiġi żviluppat qafas regolatorju aktar konduttiv biex jiġi appoġġjat l-aċċess għall-finanzjament pubbliku għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, speċjalment bil-promozzjoni tat-tikketta tas-Swieq tat-Tkabbir tal-SMEs. Għandu jintlaħaq ukoll il-bilanċ ġust bejn il-protezzjoni tal-investituri u l-integrità tas-suq permezz ta' regolamentazzjoni xierqa.

3.11. L-SMEs b'sorsi differenti ta' finanzjament huma aktar robusti u kompetittivi, jibbenefikaw minn tnaqqis fl-ispejjez u minn perspettivi ta' żvilupp aħjar. Dan jippermetti suq tax-xogħol aktar b'saħħtu u opportunitajiet aħjar għaċ-ċittadini li qed ifittxu impjieg, irrispettivament mil-livell ta' taħriġ tagħhom.

3.12. Il-KESE jirrakkomanda li l-Kummissjoni Ewropea tikkunsidra tnaqqis ulterjuri għar-regoli u r-rekwiżiti tas-Swieq tat-Tkabbir tal-SMEs, sabiex tiddistingwihom aħjar minn swieq irregolati u tagħmilhom aktar attraenti bħala swieq fil-livell tad-dħul.

(6) ĠU C 345, 13.10.2017, p. 15.
(7) ĠU C 177, 18.5.2016, p. 9.
(8) ĠU C 288, 31.8.2017, p. 20.
(9) Iota Kaousar Nassr u Gert Wehinger, "Opportunities and limitations of public equity markets for SMEs" (Opportunitajiet u limitazzjonijiet tas-swieq tal-ekwità pubbliċi għall-SMEs), *OECD Journal: Financial Market Trends* (il-Ġurnal tal-OECD: Xejriet fis-Suq Finanzjarju) 2015/1, 49-84. (Mhux disponibbli bil-Malti)

4. **Kummenti speċifiċi**

4.1. Il-KESE jappoġġja bis-sħiħ l-isforzi li għaddejjin biex is-swieq kapitali jsiru alternattiva kredibbli għall-finanzjament, bħala parti mill-aġenda tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali. Madankollu, għad hemm xi dubji dwar jekk l-isforzi attwali humiex biżżejjed biex jitnaqqsu l-ostakli konsiderevoli li attwalment jeżistu fis-suq. L-SMEs ma jidhirx li qed ibiddlu l-imġiba tal-finanzjament tagħhom; għalhekk, jeħtieġ li jsir aktar. Il-Kummissjoni Ewropea rrikonoxxiet li dan huwa biss pass wieħed 'il quddiem u mhux soluzzjoni sħiħa għall-isfidi kollha tas-swieq kapitali.

*Tabella 2*

**It-tipi ta' finanzjament li l-SMEs jixtiequ jaraw aktar fit-taħlita finanzjarja matul it-tliet snin li ġejjin, UE28** [10]




4.2. Filwaqt li għadu jrid jiġi stabbilit jekk fil-fatt dawn humiex se jnaqqsu l-ispejjeż tal-konformità, itaffu l-piżijiet u jippromovu l-likwidità fis-suq – peress li dawn l-objettivi huma pjuttost ambizzjużi –, il-KESE jemmen li l-miżuri proposti huma pass fid-direzzjoni t-tajba.

4.3. Il-KESE jemmen li l-għadd żgħir ta' SMEs li jiksbu aċċess għal finanzjament ibbażat fuq is-suq huwa minħabba n-nuqqas ta' komunikazzjoni fil-livell baxx. Il-messaġġi u l-għodod fil-livell tal-UE mhumiex qed jilħqu l-parti t'isfel tal-katina – jiġifieri l-SMEs fil-mira. Dan minħabba diversi raġunijiet, l-aktar importanti minħabba l-insuffiċjenza ta' interazzjoni u komunikazzjoni proattiva minn Brussell għall-Istati Membri u għall-assoċjazzjonijiet tal-SMEs, is-sħab soċjali jew il-kmamar tal-kummerċ. Il-KESE wissa dwar dan f'opinjoni preċedenti [11], iżda s'issa ftit li xejn ra titjib.

4.4. Min-naħa l-oħra, l-għadd żgħir ta' investituri istituzzjonali fis-swieq tal-ishma u tal-bonds tal-SMEs jista' jiġi spjegat min-nuqqas ta' inċentivi previsti għal dawn l-investituri, speċjalment dawk li jirrigwardaw it-trattamenti tat-taxxa. Il-KESE jirrakkomanda lill-Kummissjoni sabiex tanalizza din il-possibilità.

4.5. Il-KESE jilqa' l-estensjoni ta' jumejn proposta għall-iskadenza biex it-tranżazzjonijiet tal-maniġers isiru pubbliċi. Din hija għodda importanti biex jiġu ppreservati t-trasparenza u s-simetrija tas-swieq iż-żgħar, iżda l-iskadenza ta' tlett ijiem kienet restrizzjoni kritika għall-SMEs. Il-KESE jemmen li l-emenda proposta se twassal għal proċedura aktar razzjonalizzata f'perjodi aktar diffiċli jew b'aktar xogħol għall-kumpaniji. Il-KESE jirrakkomanda li l-Kummissjoni għandha tesplora modi biex tneħħi l-piż amministrattiv minn fuq il-kumpaniji u tmexxih fuq atturi oħrajn, bħall-NCAs.

(10) Apostolos Thomadakis, "Developing EU Capital Markets for SMEs: Mission impossible?" (L-Iżvilupp tas-Swieq Kapitali tal-UE għall-SMEs: Missjoni impossibbli?), Kummentarju tal-ECMI Nru. 46, 4 ta' Settembru 2017. (Mhux disponibbli bil-Malti)

(11) ĠU C 345, 13.10.2017, p. 15.

4.6. Il-KESE diġà esprima l-appoġġ sħiħ tiegħu għas-semplifikazzjoni u r-razzjonalizzazzjoni tar-rekwiżiti għall-prospett ippubblikat meta jiġu offruti titoli fis-swieq irregolati, li jagħmluhom aktar kosteffiċjenti u aktar utli għall-investituri f'termini tal-informazzjoni li jkun fihom ([12]). Kwalunkwe proposta ġdida li taħdem lejn dan il-għan tintlaqa' b'idejn miftuħa. Meta jitqies l-ammont kbir ta' informazzjoni li l-kumpaniji fis-Swieq tat-Tkabbir tal-SMEs huma meħtieġa jiddivulgaw skont ir-Regolament dwar l-Abbuż tas-Suq u d-Direttiva 2014/65/UE, il-KESE jikkunsidra li prospett ta' trasferiment aktar sempliċi huwa biżżejjed għall-kumpaniji li qed jimxu lejn suq irregolat.

4.7. Barra minn hekk, il-KESE jappoġġja s-semplifikazzjoni gradwali tal-prospett għat-trasferiment lejn is-suq irregolat għall-kumpaniji li jkunu ilhom elenkati għal għadd ta' snin raġonevoli f'Suq tat-Tkabbir tal-SMEs.

4.8. Il-KESE jilqa' l-proposta li jinżammu biss elenki permanenti ta' persuni b'informazzjoni privileġġjata għall-kumpaniji elenkati fis-Swieq tat-Tkabbir tal-SMEs, peress li l-għadd ta' impjegati li għandhom aċċess għal informazzjoni fuq persuni b'informazzjoni privileġġjata huwa limitat u fil-parti l-kbira l-istess. Dan jirrappreżenta tnaqqis sinifikanti fil-piż.

4.9. Il-KESE jappoġġja l-modifiki għar-reġim ta' sondaġġ tas-suq, peress li l-emendi proposti se jiffaċilitaw il-ħruġ ta' bonds korporattivi minn emittenti tas-Suq tat-Tkabbir tal-SMEs. Fir-rigward tal-ġustifikazzjonijiet li għandhom jingħataw mill-emittenti tas-Suq tat-Tkabbir tal-SMEs meta d-divulgazzjoni pubblika ta' informazzjoni privileġġjata tkun ittardjata, il-KESE jemmen li l-ispjegazzjonijiet mitluba mill-NCAs fuq bażi ad hoc, wara n-notifika mill-emittent, m'għandhomx ikunu dettaljati wisq jew preskrittivi żżejjed.

4.10. Ir-Regolament dwar l-Abbuż tas-Suq huwa sors ta' spejjeż amministrattivi u legali, li emittenti mhux tal-UE jistgħu jqisuh bħala ostaklu għall-elenkar fis-swieq tal-UE. Il-KESE jirrakkomanda li għandhom isiru emendi ulterjuri biex ir-rekwiżiti jitfasslu apposta għas-Swieq tat-Tkabbir tal-SMEs.

4.11. Filwaqt li l-kuntratti ta' likwidità huma milqugħa, speċjalment għal swieq mhux żviluppati, proposta fil-livell Ewropew toħloq kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni li permezz tagħhom jistgħu jitfasslu l-kundizzjonijiet lokali. Il-KESE jemmen li d-29 reġim dwar il-kuntratti ta' likwidità, li l-KE qed taħdem fuqu attwalment, ser joħloq il-possibbiltà għall-emittenti tas-suq biex jistabbilixxu kuntratt ta' likwidità jew fuq bażi ta' leġislazzjoni nazzjonali, fejn din teżisti, jew fuq il-bażi ta' regolament mal-Ewropa kollha.

4.12. Il-proposta tal-KE hija pass definittiv 'il quddiem. Madankollu, il-KESE jissuġġerixxi li għandu jkun hemm valutazzjonijiet tal-impatt regolari b'aċċess wiesa' għal data mhux kunfidenzjali u analiżijiet ibbażati fuq indikaturi kwantitattivi.

Brussell, id-19 ta' Settembru 2018.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Luca JAHIER

---

([12]) ĠU C 177, 18.5.2016, p. 9.